**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 1924/01 AJD**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Joe Cassar Company Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Dicembru, 2001, fejn gie premess li s-socjeta' Maltacom Plc ipprovdiet lis-socjeta' konvenuta diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru, 1998, u t-30 ta' April, 2001. Illi s-socjeta' konvenuta naqset li thallas is-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm258.75) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avvizi Legali 219 u 220 tal-1998), u dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali. Is-socjeta' attrici ghalhekk tablet il-kundanna ghall-hlas tas-socjeta' konvenuta tal-ammont ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm258.75).
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Dicembru, 2001, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri, ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm258.75) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentatat tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**